MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1123/2004

**Stephanie Zammit**

**Vs.**

**Charlot Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attura talbet il-hlas ta' seba mija u hamsin Lira (Lm750) rappresentanti prezz ta' kors ta' hairdressing u liema kors gie terminat unilateralment mill-konvenut minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ra r-risposta fejn l-konvenut fl-ewwel lok qal illi l-esponenti qabad lill-attrici tpejjep il-haxixa fl-iskola quddiem l-istudenti. Illi l-konvenut qal ukoll li l-ammont pretiz huwa esagerat stante li l-attrici lahqet ghamlet erba xhur tattendi l-kors in kwistjoni.

Ra l-incident report li ghamel Charlot Gauci fejn intqal:

“Mr. Gauci reported that on 15/01/04 at about 8.45hrs he discovered two of his students namely Stephanie Zammit ID 157884M and Diane Tesi ID 305980M smoking drugs infront of his school of hairdressing. When he confronted them they both admitted to have done a mistake and both were suspended on the spot. All this happened infront of a teacher, a certain Joanne Vella which works at Haircare School of Hairdressing. Mr. Gauci further stated that both their parents were informed and they knew about the situation. Drug Squad personnel PC 642 Joseph Camilleri was duly informed.”

Ra l-istqarrija tal-attrici quddiem l-ispettur Jesmond Borg u WPC Ruth Inguanez fejn tistqarr li kienet qed tpejjep l-ewwel darba l-haxixa dakinhar ta’ l-incident.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn l-attrici tikkonferma li wara xahrejn il-konvenut kien keccijha fuq suspett.

Il-kors tal-hairdressing kien jiswa Lm750. Il-kors beda f’Settembru izda hi bdiet f’Ottubru u tkecciet f’nofs Jannar. Tghid illi lil konvenut hallsiethu cash u ma’ tahix la rcevuta u lanqas kopja ta’ kuntratt li ffirmat.

Tghid illi dakinhar kien qabel il-lezzjoni kien ghadda l-konvenut u nduna li l-attrici kienet qeghda tpejjep u ghalhekk wara il-lezzjoni kien cemplilha d-dar u qallha biex tieqaf mill-kors. Tghid illi l-Pulizija kienu ghamlu nvestigazzjoni izda ma’ gietx akkuzata.

L-ispettur Jesmond Borg qal illi meta huma nvestigaw il-kaz ma’ sabu l-ebda tracca ta’ jew sigaretti jew trab jew haxixa.

Ra l-affidavit ta’ Charlot Gauci fejn jikkonferma li kien qabad lill-attrici flimkien mal-habiba taghha ipejjpu l-haxixa quddiem l-iskola.

Illi l-versjoni ta’ l-attrici hija kredibli.

Illi skond l-ispettur Jesmond Borg jidher car li mill-investigazzjonijiet li saru l-attrici u l-habiba taghha ma' kienux qed ipejjpu l-haxixa.

Illi l-kors kien jiswa Lm750 ghal sena w l-attrici kkonfermat li ghamlet minn Ottubru sa nofs Jannar.

Illi l-konvenut jiddeskrivi li kien hemm incident fejn il-konvenuta u ohra kienu qed idahhku n-nies fil-klassi. Illi dan kien wara li kien ra lill-istess konvenuta "tpejjep joint". Illi skond il-konvenut l-"bord" tal-iskola hadet decisjoni li tkecci lil konvenuta. Illi l-konvenut ma jghidx minn huma n-nies li huma fuq dan il-"bord". Illi l-konvenut u l-Bord ma taw l-ebda opportunita' lil konvenuta biex tispjega ruha u bhala fatt irrisulta li minkejja forsi dik li hasbet il-konvenuta hi ma kienitx qieghda tpejjep "joint".

Illi l-konvenuta dahlet ghal kors ta' sena u ghamlet 4 xhur qabel ma tkecciet. Huwa veru li ghal dawn l-erba xhur ma tihux certifikat izda hi zgur kellha l-opportunita' li titghallem f'dawn l-erba xhur.

Billi l-konvenuta ma kellhiex l-opportunita' biex tispjega l-agir taghha quddiem il-Bord jew quddiem il-konvenut, billi bhala fatt l-konvenuta ma kienitx qieghda tpejjep haxixa, billi l-konvenut ma gabx xi evidenza ohra kontra l-attrici, dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici l-ammont ta' hames mitt Lira (Lm500) rappresentanti l-ahhar tmien xhur tal-kors li ghalihom l-attrici halset izda ma inghatatx l-opportunita' li tattendi.

Ghaldaqstant jikkundanna lil konvenut biex jirrifondi hames mitt Lira (Lm500) lill-attrici.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes in kwantu ghal 4/12 ghal attrici u 8/12 ghal konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------